**Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri)**

**Onor. Prim Imhallef Dr. Joseph Azzopardi LL.D.**

**Onor. Imhallef Dr. Joseph Zammit Mc Keon LL.D.**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Seduta tal-lum 30 ta` Jannar 2019**

**Ammissjoni Numru : 4/2016/2**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**AB**

**Il-Qorti :**

**1**. Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat, AB, li kien akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :

> **Fil-11 ta' Ottubru, 2016, u matul is-snin ta' qabel, gewwa l-Hamrun, il-Marsa, u Santa Venera, kif ukoll fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet**

**differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :**

i. **Bi vjolenza kkommetta stupru fuq il-persuna tan-neputijiet tieghu, AC u AD, meta hu kien tutur tal-imsemmija minuri ghal xi zmien, jew meta l-istess minuri gew fdati lilu sabiex jiehu hsiebhom, jedukahom, jghallimhom, jindukrahom, jew izommhom ;**

ii. **Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuni taht l-eta', u *cioe'*, AC u AD;**

iii. **Xjentement gieghel ghal skopijiet sesswali, lin-neputija tieghu, AC, biex tkun prezenti waqt abbuz sesswali, jew attivitajiet sesswali, ukoll jekk dik il-persuna ma tasalx biex tkun imgieghla tiehu sehem fl-attivitajiet, xjentement attenda wirja pornografika li fiha hadu sehem tfal ta' taht l-eta', meta l-akkuzat abbuza mill-pozizzjoni tieghu rikonoxxuta li kellu ta' fiducja, awtorita', jew influwenza fuq il-minuri msemmija;**

iv. **Bhal persuna f'Malta, ghamel, jew ipproducja, jew ippermetta li jigi maghmul, jew prodott xi materjal indecenti, jew ipproducja, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifsu jew ghal haddiehor, jew wera' dak il-materjal indecenti ta' persuni taht l-eta';**

v. **B'ghemil zieni, kkorrompa lil AC, AD, u AE, meta kien tutur tal-imsemmija minuri ghal xi zmien, jew meta l-istess minuri gew fdati lilu sabiex jiehu hsiebhom, jedukahom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom;**

vi. **Fl-istess cirkostanzi akkwista, xjentement akkwista access permezz ta' teknologiji ta' nformazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellu fil-pussess tieghu xi materjal indecenti li**

**juri, jaghti stampa ta', jew jirrapprezenta xi persuna taht l-eta'.**

**2**. Rat il-verbal li sar quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2016 fejn l-akkuzat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni kienet ikkonfermata, anke wara li l-appellant inghata zmien mill-Qorti sabiex iqis mill-gdid l-ammissjoni tieghu.

**3.** Rat id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja moghti fl-istess jum fejn, a tenur tal-artikolu 392B(1) tal-Kodici Kriminali, baghtet l-atti lill-Avukat Generali skont il-ligi.

**4**. Rat illi b'nota tas-17 ta' Novembru 2016, l-Avukat Generali nforma lill-Qorti Kriminali, li abbazi tal-artikolu 392B(2) tal-Kodici Kriminali, l-imputazzjonijiet kif addebitati lill-imputat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, u li ghalihom l-imputat irregistra l-ammissjoni fuq riferita, ghandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**5**. Rat is-sentenza li tat il-Qorti Kriminali fit-8 ta' Mejju 2018 fejn l-akkuzat instab hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu. Fl-erogazzjoni tal-piena, il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tieghu, wara li qieset illi kkollabora mal-pulizija, u wara li rat l-artikoli 198, 201, 202(b)(g)(h), 203(1)(a)(c), 204C(2)(a), 204D(1)(b)(c)(e)(2d), 208A(1)(3)(a)(1B)(3)(b) tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu ghal piena ta' hamsa u ghoxrin (25) sena prigunerija.

**6**. Rat ir-rikors tal-appell ta' AB, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tvarja u tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn hemm id-dikjarazzjoni ta` htija fil-konfront tieghu, tirriformaha fil-parti li tikkoncerna l-piena, billi minflok dik inflitta, tikkommina piena iktar ekwa u gusta skont ic-cirkostanzi tal-kaz.

**Ikkunsidrat :**

**7**. L-appellant fisser l-aggravju tieghu billi fisser illi :-

il-piena nflitta (i) hija manifestament eccessiva u sproporzjonata; (ii) ghax il-Qorti Kriminali ma haditx konjizzjoni tal-fatturi kollha li jippuntaw lejn mitigazzjoni akbar tal-piena; (iii) komparat ma' sentenzi ohra dwar akkuzi simili, l-piena dejjem kienet fir-regjun ta' bejn 10 u 15–il sena, u mhux 25 sena, u dan meta l-25 sena jinkludu s-suppost mitigazzjoni tal-piena.

Jikkontendi li fis-sustanza dwar il-htija, l-Qorti Kriminali, kull ma qalet kien illi dan il-kaz hu wiehed serju hafna skond l-akkuzi migjuba kontra l-imputat, u m'ghandhiex ghalfejn ittawwal fuq dan il-punt. Imbaghad, meta giet biex teroga l-piena, ndikat li kienet ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tieghu, u l-fatt li hu kkollabora mal-pulizija, u kkundannatu 25 sena prigunerija, li ghal bniedem ta' 65 sena tfisser ghomru l-habs. Il-Qorti ma tat ebda ndikazzjoni kif waslet biex tinfliggi piena ta' 25 sena prigunerija u kif hadmet il-piena. Ghalhekk, huwa difficli ghall-esponent biex jifhem fejn il-piena hija gusta u fejn mhux.

**Ikkunsidrat :**

**8**. Illi l-appellant jilmenta li l-piena nflitta kienet eċċessiva, tenut kont tal-fatt li hu għamel ammissjoni fl-ewwel seduta meta tressaq quddiem il-Qorti Struttorja. Ghamel dan *ukoll* sabiex ma jghaddix lill-vittmi ta' dan il-każ minn trawma oħra bil-fatt li jkunu kostretti jaghtu x-xiehda taghhom fil-Qorti[1] Inoltre l-appellant isostni wkoll li l-Qorti Kriminali ma tatx konsiderazzjoni ghall-fatt illi hu stess kien vittma ta' abbuż sesswali li, skont rapport psikjatriku li jaghmel parti mill-atti[2] jista' jispjega l-imgieba devjanti tiegħu u l-kommissjoni tar-reati lilu addebitati. Skont l-appellant, din il-materja kellha tinghata qies mill-Ewwel Qorti meta giet biex tikkalibra l-piena, u kellha tapplika dina iċ-ċirkostanza bhala mitigazzjoni fil-piena. Ighid ukoll illi l-fedina penali netta tiegħu ma nghatatx konsiderazzjoni lanqas, kif lanqas ma nghata qies l-eta` *avvanzata* tieghu ta' 65 sena. B`hekk – ighid l-appellant – ghac-cirkostanzi tieghu piena karcerarja ta' hamsa u ghoxrin (25) sena giet tfisser fis-somom piena tal-ghomor il-habs.

**Ikkunsidrat :**

**9**. Illi hija ġurisprudenza kostanti ta` dawn il-qrati illi "meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruhu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-qorti u qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta'

[1] Verbal datat 12.10.16 u kkonfermata fil-verbal sussegwenti datat il-25.10.16.
[2] Folio 56 tal-atti immarkat bħala Dok 4 u formanti parti mir-rapport tal-uffiċjal tal-probation li jinstab inserit a folio 39 tal-istess atti proċesswali.

l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat.[3]"

**10.** Inoltre l-ġurisprudenza tagħna hija ndikattiva wkoll illi ma hemm assolutament l-ebda garanzija jew obbligu fuq il-ġudikant sedenti li l-piena fil-konfront tal-akkużat li jkun ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu titnaqqas għas-sempliċi fatt li hu jkun ammetta, dment dejjem li l-piena mposta tkun kif inghad fil-parametri tal-liġi.[4]

**Ikkunsidrat :**

**11**. Premessa din id-direzzjoni gurisprudenzjali, din il-Qorti għamlet komputazzjoni tal-parametri tal-piena ghall-akkuzi ammessi mill-appellant, fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati, billi l-pieni ghar-reati addebitati lilu zdiedu konsiderevolment bl-emendi ghall-Kodici Kriminali li gew fis-sehh wara li sar l-Att XIII tal-2018. Applikat ukoll id-disposizzjonijiet tal-artikolu 17(b) kif ukoll tal-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, biż-żieda fil-piena minhabba l-kontinwita' tar-reat bl-applikazzjoni tal-artikolu 18, u bl-aggravanti ghar-reati lilu addebitati u dan kif imfassla fl-artikolu 202(b)(g) u (h).

**12.** Illi bil-kontegg li ghamlet din il-Qorti, il-piena komplessiva ghandha tizdied b'minimu ta' zewg gradi.

---

[3] Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Zerafa et – App. Sup. 15.12.2015

[4] Ara fost oħrajn Pulizija vs Omissis deċiż fit-23.01.13 mill-Imħallef David Scicluna, Pulizija vs Ryan Dimecch deċiż nhar l-4.11.2004, mill-Imħallef Joe Galea Debono, Pulizija vs Emanuel Magro deċiża nhar it-2.6.2004, mill-Imħallef David Scicluna, Pulizija vs Joseph Scerri deċiża nhar it-12.5.04 deċiża mill-Imħallef David Scicluna, Pulizija vs Salah Aldin M.m.bin Abdo Alslam deċiż nhar il-5.12.03 mill-Imħallef VincentDegaetano, Pulizija vs Massimiliano Maurizio deċiż nhar it-13.11.03 mill-Imħallef Joe Galea Debono, Pulizja vs. Jeremy James Farrugia, deċiż nhar l-14.10.03 mill-Imħallef Joe Galea Debono, Pulizija vs Mark Mifsud deċiż nhar is-6.12.02 mill-Imħallef Vincent Degaetano, Pulizija vs Carmel Zammit sive Charles deċiża nhar id-29.07.2002, Pulizija vs Emanuel Testa deċiża nhar is-17.7.02 mill-Imħallef Vincent Degaetano, Pulizija vs Joseph Attard deċiż nhar is-26.01.01 mill-Imħallef Patrick Vella, ilkoll deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri.

**13.** Tajjeb li jkun riaffermat illi l-akkuzi addebitati lill-appellant kienu ammessi minnu *in toto* u mingħajr l-ebda riservi.

**14. Fil-kaz tal-lum m`ghandux ikun hemm l-icken dubju li l-piena erogata hija 'il boghod mill-minimu tal-piena li setghet tingħata lill-appellant f'dan il-każ ghall-akkuzi ta' stupru fuq minuri, korruzzjoni ta' minorenni, partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuni taht l-eta`, atti sesswali llegali fil-presenza ta' haddiehor, tqassim u wiri ta' materjal pornografiku lil persuni taht l-eta fost akkuzi ohra, liema reati kif inghad sehhew ripetutament u fuq medda ta' snin, gew kommessi fuq tlett itfal taht l-eta ta' sitt snin, bl-izghar wahda tkun ta' tlett snin meta isehh l-istupru, u bl-appellant ikun membru tal-familja (zijuhom) li kien jiehu hsiebhom[5].**

**15.** Minn ezami tal-atti ghandu johrog illi l-fattispeċi ta' dan il-każ huma bil-wisq skabruzi u odjużi, bil-vittmi minuri ta' eta' tenera ħafna, u li kienu n-neputijiet tal-appellant, kienu abbużati ripetutament meta kienu fil-kura tiegħu. Din il-Qorti **<u>diffiċilment</u>** tista' ssib raġunijiet speċjali jew raġonevoli li jistgħu jiġġustifikaw tnaqqis fil-piena erogata, minkejja l-fatt illi l-appellant irregistra ammissjoni tal-akkuzi kollha fi stadju bikri tal-proceduri.

**16.** Ghalkemm mir-rapport specjalista, jidher li l-appellant *seta'* kkommetta r-reati de quo bhala konsegwenza ta' disturb mentali li garrab bhala kagun tal-abbuż li hu stess kien sofra meta kien minorenni, fl-istess waqt, jidher mill-istqarrija rilaxxjata minnu stess, kif ukoll mir-rapport tal-

[5] Il-piena wahedha ghar-reat tal-istupru b'zieda ta' zewg gradi jitla ghal perijodu ta' prigunerija bejn il-hamsa u l-ghoxrin sena u dan meta ma jigux inkluzi l-pieni ghar-reati l-ohra fit-termini tal-artikolu 17(b) u (h) tal-Kodici Kriminali.

uffiċjal tal-probation, illi hu kien ben konxju ta' għemilu, tant li kien jaf li dak li kien qed jagħmel kien ħażin, u cio` nonostante, baqa' għaddej b`dak li kien qed jaghmel, peress illi skont ma jistqarr huwa stess, ħaseb - fost raġunijiet oħrajn - illi ma kienx ser jinqabad mill-awtoritajiet.

**17.** Dan qed jigi rimarkat ghaliex filwaqt li huwa *seta'* sofra fi tfulitu minn abbuż simili (ghal dak tal-lum) li *seta`* kellu impatt dirett fuq l-imgieba tieghu fil-kaz tal-lum, fl-istess ħin l-appellant jidher li kellu kontroll fuq dak li kien qed jagħmel. Dan qieghed jinghad b`fermezza ghaliex l-appellant jittenta jiġġustifika dak li ghamel sahansitra billi jgħid li hu qatt ma ġiegħel lill-vittmi tiegħu ikollhom x'jaqsmu miegħu bil-forza jew theddid, ghalkemm qalilhom li jekk jikxfuħ hu seta` jispiċċa l-ħabs.[6]

**18**. Premess dan kollu, jirrizulta mir-rapport specjalista, li kien prezentat quddiem l-Ewwel Qorti, illi dment illi l-appellant ikun jinstab f'ambjent ikkontrollat, u boghod minn tfal ta' eta` zghira, ma jkollux tendenzi pedofili. Jinghad ukoll illi ma setax ikun eskluz ir-riskju li jirrepeti l-agir kriminuz ladarba jmur lura fis-soċjeta', speċjalment jekk ikun espost għal tfal.[7]

**19.** Dr. Chantal Avellino tghid hekk :

> **"Meta wiehed jikkonsidra l-livell ta' riskju li l-akkuzat jerga' jaghmel reat ta' natura sesswali r-rizultat totali ta' riskju huwa moderat-baxx sakemm dan jinzamm gewwa il-Facilita Korrettiva ta' Kordin, partikolarment minhabba li sakemm l-akkuzat ma jkollux kuntatt mat-tfal, ir-riskju li jipprezenta huwa wiehed limitat. Il-fatturi dinamici li ghollew ir-riskju kienu influwenzi socjali sinifikanti (huh jidher li joffri sostenn, u dan jaf imantni hsieb anti-socjali fl-akkuzat, kif ukoll jissugerixxi li huh qed jimminimizza n-natura tal-offiza),**

[6] Folio 12 mill-atti proċesswali formanti parti mill-istqarrija tal-appellant datata l-11 ta' Ottubru 2016. Ara wkoll folio 42 u 43 mill-atti proċesswali formanti parti mill-PSR debitamaent inserit u li ġie eżebit il-Qorti nhar il-15 ta' Marzu 2017.

[7] Ara folio 50 tal-atti proċesswali formanti parti mill-konklużjonijiet tal-PSR b'referenza għar-rapport psikjatriku partikolarment għall-konklużjonijiet tal-istess a folio 69 tal-atti proċesswali.

**nuqqas ta' kapacita ghall-istabbilita' f'relazzjoni, l-identifikazzjoni emozzjonali mat-tfal, ostilita' jew nuqqas ta' fiducja lejn in-nisa, xewqa sesswali u/jew preokkupazzjonijiet sesswali (uzu ta' pornografija eccessiva u diversifikata), u preferenza sesswali devjanti. Dawn huma kollha fatturi saljenti li ghandhom jigu indirizzati qabel l-imsemmi jerga' jirritorna lura fil-komunita'.**"

**20**. Din il-Qorti ma tistax tiskarta l-fatt li meta seħħew ir-reati in kwistjoni, il-vittmi kienu ta' eta' tenera ħafna u faċilment impressjonabbli, **bl-izghar wahda tigi stuprata fl-eta` ta' tlett snin**, liema fattur huwa aggravat mill-parentela bejn l-appellant u l-vittmi tiegħu, cirkostanzi dawn kollha li wasslu ghall-aggravanti fil-piena.

**21. Fil-fehma ta` din il-Qorti, l-eta' tal-appellant tkompli taggrava s-sitwazzjoni, tenut kont illi l-appellant ghandu jitqies illi kien raġel diġa` matur fiż-żmien meta kkometta r-reati fuq medda ta' snin, anzi ħa vantaġġ mid-disponibbilita' nnocenti tan-neputijiet tiegħu stess, li ta' eta' zghira ma setghux certament jifhmu l-gravita tal-abbuz li kienu qeghdin igarrbu .**

**22. Fil-fehma ta' din il-Qorti, is-sentenza kif imposta fiċ-ċirkostanzi tal-każ hija neccepibbli, tenut kont sahansitra tal-ammissjoni bikrija tal-appellant, li l-Ewwel Qorti rrikonoxxiet fis-sentenza tagħha.**

**23.** Illi din il-Qorti, kif diversament komposta, fis-sentenza "**Il-Pulizija vs Emmanuel Testa**", [17.7.2002] irriproduciet il-bran segwenti mill-BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :

**"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has**

**never been fixed. In Buffery ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities (Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R.(S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence , and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain ....."**

**"'In Hussain the Court of Appeal rejected the argument that the statutory provision made it mandatory for a sentence to give credit for a plea of guilty. In the past a reduction has been withheld where an offender has been caught redhanded and a guilty plea is inevitable (Landy (1995) 16 CrApp R (5) 908, Scarley (2001) 1 CrApp R (DS) 86). 'The SGC Guideline now says that credit should not be withheld or reduced on these grounds alone (para. 5.2). In the past the discount has been withheld where the protection of the public requires it (Costen (1 989) 1 1 Cr App R (5) 1 82). The SGC Guideline says that, if an offender is being sentenced as a dangerous offender, any specified minimum custodial term should be reduced to reflect**

**the plea, but not the additional element in the sentence designed to protect the public (para. 5.1). The SGC Guideline also makes it clear that a sentence cannot remedy a perceived defect in the law, such as where the maximum penalty appears to be too low, by refusal of the appropriate discount. Some or all of the reduction for plea may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct a Newton inquiry into the facts (Williams (1990) 12 Cr App R (S) 415). 13 'The SGC Guideline states that, in general, the level of reduction should be a proportion of the total sentence imposed, based on a sliding scale ranging from a maximum of one third where the guilty plea was entered at the first reasonable opportunity, reducing to a maximum of one quarter (where a trial date has been set), to a maximum of one tenth (for a guilty plea entered at the door of the court or after the trial has begun).'"**

**24**. Fil-fatt fis-*Sentencing Council Guidelines* tal-Ingilterra ghall-offizi ta' natura sesswali, li ghalihom taghmel referenza din is-sentenza, hemm imfassla l-kriterji li ghandhom jigu segwiti minn min hu msejjah biex jiggudika, *inter alia* n-natura gravi tar-reat, il-hsara mgarrba mill-vittmi, u r-riskju lejn is-socjeta` in generali, meta jkun hemm il-biza' ta' repetizzjoni tal-offizi.

**25.** Fis-sentenza **Millberry and others**, inghad :-

**'... there are, broadly, three dimensions to consider in assessing the gravity of an individual offence of rape. The first is the degree of harm to the victim; the second is the level of culpability of the offender; and the third is the level of risk posed by the offender to society**[8].

[8][2003] 2 Cr App R (S) 31

**26.** Fil-kaz tal-lum, m`hemmx l-icken dubju ghal din il-Qorti li l-vittmi tal-appellant garrbu hsara kbira hafna thares mnejn thares.

**27. L-abbuz li garrbu l-vittmi tal-appellant – ilkoll kemm huma ta` eta` tenera – kien tal-wahx.**

**28.** Jirrizulta li l-abbuz li garrbu kien mifrux fuq medda ta' snin.

**29. Jirrizulta li l-abbuz kontra l-ligi tal-appellant kien perpetrat kontra tlett persuni, taht l-eta', fejn l-eta' kienet wahda tenera ta' inqas minn sitt snin fit-tlett kazijiet.**

**30.** Jirrizulta li l-appellant kien persuna responsabbli ghall-kura tal-vittmi tieghu.

**31.** Jirrizulta li kien iz-ziju taghhom, u allura l-abbuz jirrendi ruhu aktar gravi.

**32.** Finalment, kif inghad, hemm ir-riskju ta' repetizzjoni tal-offizi, jekk l-appellant jerga' jmur lura fis-socjeta`, minhabba l-gibdiet sesswali devjanti tieghu.

**33. Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-fatti u cirkostanzi ta` dan il-kaz fl-assjem tieghu.**

**34. Din il-Qorti hija konkordi fil-fehma li m`ghandux ikun hemm mitigazzjoni fil-piena.**

**35. Ir-ragunijiet illi gab l-appellant ma jistghu, ghal ebda raguni fattwali jew legali, ixejnu l-gudizzju tajjeb u legali li ghamlet l-Ewwel Qorti.**

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.**

**Onor. Prim Imhallef Dr. Joseph Azzopardi LL.D.**

**Onor. Imhallef Dr. Joseph Zammit Mc Keon LL.D.**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**